DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480 **Indirizz Elettroniku:** dcmel@gov.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 24 ta' Ġunju 2013

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 244/2013

**Lill-:** Prinċipali, Kapijiet u Assistenti Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, Għalliema tal-Primarja, *Kindergarten Assistants*, u Sezzjonijiet

**Minn:** David Agius Muscat, George Mifsud, David Muscat - Uffiċjali Edukattivi tal-Malti
Tania Mangion u Rose Marie Privitelli - Uffiċjali Edukattivi tas-Snin Bikrin

**Suġġett:** 'Hekk Aħjar' – Ġabra ta' Kliem u Espressjonijiet Maltin għat-Tfal tas-Snin Bikrin

---

Il-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku bi sħab mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti se joħroġ il-pubblikazzjoni 'Hekk Aħjar', ġabra ta' kliem u espressjonijiet Maltin, li xieraq li t-tfal Maltin ikunu jafu, jgħidu u jifhmu xi jfissru sa minn ċkunithom.

Din il-ġabra ta' kliem u espressjonijiet Maltin tfasslet mill-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti tal-Primarja u tas-Snin Bikrin b'konsultazzjoni ma' għadd ta' għalliema tas-Snin Bikrin u *Kindergarten Assistants*. Il-Bord li fassal l-abbozz tal-ġabra kien magħmul mill-Uffiċjali Edukattivi msemmija hawn fuq u l-Professur Manwel Mifsud, Thomas Pace u Olvin Vella mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

L-għan tal-ġabra huwa li l-għalliema tas-Snin Bikrin u l-*Kindergarten Assistants* ikollhom f'idejhom għodda siewja għat-tagħlim tal-Malti fis-Snin Bikrin. Il-kliem u l-espressjonijiet tfasslu fuq it-temi li jintużaw fil-lezzjonijiet tas-Snin Bikrin u l-għalliema u l-*Kindergarten Assistants* jistgħu jinqdew bihom biex joħolqu r-riżorsi għall-klassi tagħhom, u biex jaraw li jintuża l-lingwaġġ xieraq fil-logħob u t-taħdit. Huwa d-dmir tagħna l-edukaturi li sa mill-ewwel snin tat-tagħlim inrawmu fit-tfal tagħna attitudni pożittiva lejn l-ilsien nazzjonali tagħna. Li t-tfal tagħna qabelxejn jkunu jafu jitkellmu b'Malti tajjeb u idjomatiku huwa essenzjali għall-iżvilupp sħiħ tagħhom fil-kuntest soċjokulturali ta' pajjiżna.

Il-ġabra 'Hekk Aħjar' se tgħin lill-għalliema jagħmlu l-aħjar għażla tal-kliem u l-espressjonijiet Maltin li jistgħu jdaħħlu fit-taħdit tagħhom mat-tfal. Bil-ġabra pprovduta, bl-ebda mod ma qed ngħidu li t-tfal ta' din l-età għandhom ikunu ristretti jużaw il-kliem u l-espressjonijiet tal-ġabra biss. Żgur li hemm kliem u espressjonijiet oħra li t-tfal ikunu jafu għax jinqdew bihom fil-ħajja ta' kuljum, u l-għalliema għandhom l-ewwel u qabel kollox ikunu sensittivi għal dan il-lingwaġġ u jivvalorizzawh fil-klassi. Fl-istess ħin, din il-ġabra toffri gwida ċara lill-għalliema dwar liema huma l-kliem u l-espressjonijiet Maltin li t-tfal ta' din l-età tajjeb li jkunu jafu.

**L-'Hekk Aħjar' ma tfassalx bil-għan li t-tfal tal-kinder u s-snin bikrin ikunu mistennija jafu jiktbu l-kliem u l-espressjonijiet kollha msemmija fih, jew biex isir xi ttestjar formali tal-għarfien ta' dan il-kliem.** Għandu dejjem jintuża fil-kuntest tal-pedagoġija għas-snin bikrin kif imfissra fil-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu.

L-għalliema tas-Snin Bikrin u l-*Kindergarten Assistants* mistiedna jaraw l-abbozz tal-'Hekk Aħjar' fis-sit http://malti.skola.edu.mt u jgħaddu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom sal-**31 ta' Lulju 2013** bil-posta elettronika f'wieħed minn dawn l-indirizzi elettroniċi:

- David Agius-Muscat, david.agius.muscat@ilearn.edu.mt
- George Mifsud, george.mifsud@ilearn.edu.mt
- David Muscat, david.muscat.4@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

**Sandro Spiteri**
**Direttur tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**